MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 1065/2011

**Aaron Camilleri Cauchi u Alfred Camilleri Cauchi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-attur huwa l-iben naturali u leġittimu ta' Alfred Camilleri u Catherine nee' Ellul u hekk ġie reġistrat it-twelid tiegħu skond l-anness ċertifikat bin-numru 1649 tas-sena 1979 (Dok "A");

Illi missier l-attur dejjem kien magħruf bil-kunjom "Camilleri Cauchi" u madwar ħamsin (50) sena ilu beda

juża uffiċjalment il-kunjom "Camilleri Cauchi" *ai termini* tal-Artikolu 4 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-attur kien beda juża l-kunjom Camilleri Cauchi minn madwar l-1997 pero' huwa minn dejjem kien magħruf bil-kunjom Camilleri Cauchi hekk kif jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża;

Illi fil-fatt kemm ġurnali Maltin kemm bil-Malti u bl-Ingliż, kemm ukoll ġurnali barranin fosthom ġurnal Ġermaniż, kemm ukoll Ċertifikat tal-Parlament Ewropew, kemm ukoll *cheque* msarraf minn Bank of Valletta, kemm sit elettroniku barrani tal-Barlow Fine Art, kemm riċerki fuq l-*internet*, kemm is-sit elettroniku tal-attur ilkoll jirreferu għalih bħala Camilleri Cauchi;

Għaldaqstant l-attur umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja d-dikjarazzjoni illi l-attur iġib u huwa magħruf bil-kunjom "Camilleri Cauchi" tordna illi fir-Reġistrazzjoni tat-twelid tiegħu bin-numri 1649 tas-sena 1979 il-kunjom "Camilleri" jiġi mibdul għal "Camilleri Cauchi" u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fl-20 ta' Diċembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrita' tal-ġudizzju li r-rikorrenti Aaron Camilleri Cauchi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob għal korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża, fis-sens li huwa għandu jidher bil-kunjom *'Camilleri'* u mhux *'Camilleri Cauchi' stante* li l-kunjom '*Cauchi'* ma jappartjenix lilu skond kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni 1649 tas-sena 1979;

2. Illi *in limine litis* ukoll huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. Illi bla ħsara għal fuq espost, u fuq il-premessa li tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-artikolu 253(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-esponenti jirrileva li ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta’ reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Għaldaqstant, ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda bidla jew żieda ta’ kunjom ieħor ma tista’ tiġi effetwata lill-imsemmi att tal-istat ċivili skond id-dettami tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Illi *se mai*, ġjaladarba l-kunjom Camilleri ndikat fl-att tat-twelid tar-rikorrenti huwa kunjom missieru u ġjaladarba wkoll li l-kunjom Cauchi huwa fil-fatt, hekk kif jidher fl-att tat-twelid ta’ missier ir-rikorrenti bin-numru ta’ reġistrazzjoni 101 tas-sena 1943 (Dok.A), kunjom xbubit omm missieru ċjoe’ n-nanna tar-rikorrenti, l-esponenti jissuġġerixxi għal kull *buon fini*, li bl-applikazzjoni tal-artikoli 960 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta r-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex missieru Alfred Camilleri jissejjaħ fil-kawża u jitlob li ssir annotazzjoni fis-sens li fejn jidher ismu fl-att tat-twelid tar-rikorrenti numru 1649/1979, jiġi miżjud il-kliem ***“magħruf bħala Alfred Camilleri Cauchi”***.

5. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit u dokumenti preżentati mill-attur fit-23 ta' Marzu 2012;

Rat iż-żidiet awtorizzati fl-atti tal-kawża;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li l-Qorti awtorizzat li t-talba attriċi tapplika wkoll fil-konfront tal-attur l-ieħor Alfred Camilleri Cauchi.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 254 saret debitament.

Illi għalkemm il-liġi ssemmi 'isem' u mhux kunjom u f'dan is-sens ġia ngħataw diversi sentenzi, f'dan il-każ il-kawża qed issir kemm mill-persuna in kwistjoni u kif ukoll minn missierha, u ċertament allura dan tal-aħħar għandu dritt jitlob korrezzjoni (naturalment jekk ġustifikata) għaliex hu jista' jitlob korrezzjoni ta' ismu stess – dejjem jekk it-talba tkun sostanzjata. Naturalment dan ma jkunx japplika għaċ-ċertifikat tat-twelid tal-missier stess.

Illi mid-depożizzjoni tal-missier jidher ċar li hu stess kien ġja' juża l-kunjom Camilleri Cauchi meta twieled ibnu u għalhekk dan għandu jitniżżel fl-att tat-twelid tiegħu (tal-iben) (*vide* sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Zammit Laferla vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku"** tat-13 ta' Frar

2003). Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-akkadut u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi fir-rigward tal-attur Aaron, filwaqt li fir-rigward tal-attur l-ieħor Alfred tordna li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tiegħu fis-sens li jkun magħruf bil-kunjom *Camilleri Cauchi.***

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------